Minuti għas-sittin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| | Ambaxxatriċi | Sara Camilleri |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti:
   a. Minuti 58/7 – 02 ta' Diċembru 2015

2. Komunikazzjonijiet:
   a. Sindku
   b. Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri:
      i. Viċi Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:
   a. Ilmenti

4. Skema ta' parkeġġ residenzjali – Infurzar mil-LESA (Local Enforcement System Agency)

5. Finanzi:
   a. *Petty Cash*
   b. Skeda ta' Pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

6. Xogħlijiet pendenti

7. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 <u>Approvazzjoni ta' minuti</u>**

a. Minuti 60/7 – 02 ta' Diċembru 2015

1.1 Il-minuti dwar il-laqgħa nru 58/7 li ġew ċirkulati qabel din il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija. Dawn ġew approvati nem con.

**2.0 Komunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Live streaming. Is-Sindku qal li issa li l-Kunsill sejjer ixandar il-laqgħat, hemm ħtieġa li l-Kunsill jimxi mal-aġenda waqt li jkun qed jiġu diskussi t-temi fuq l-aġenda u b'hekk il-pubbliku li jkun qed isegwi dan il-jkun qed jiġi diskuss, ikun jista' jagħmel hekk b'mod l-aktar faċli.

Is-Sindku qal li wieħed ikun skejt u mingħajr emozzjoni żejda. Għandu jintwera kull rispett u dinjità lejn xulxien kif ukoll lejn kull min ikun qed isegwi l-laqgħa li għandu timxi b'ordni u skont proċeduri stabbiliti mingħajr r-riskju ta' xi azzjoni legali kontra l-Kunsill u li trasmizzjoni tal-laqgħa tkun l-aħjar possibbli. Is-Sindku qal li jekk ikun il-bżonn isiru ftit minuti ta' preparazzjoni mal-Kunsillieri qabel ma' tibda l-laqgħa.

2.1.2 *Zebra Crossings* fil-bidu ta' Vjal it-Torri, il-Gudja. Is-Sindku qal li din iż-*zebra crossings* minflok li qed toffri sigurtà hija ta' riskju speċjalment li tinsab bla dawl. Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jitlob u jinsisti mat-TM sabiex isir eżerċizzju malajr dwar l-imaniġġjar tat-traffiku f'dawn l-inħawi u din iż-*zebra crossings* issir f'post aktar xieraq, b'anqas perikli u bid-dawl meħtieġ.

2.1.3 Fanali b'dehra antika. Is-Sindku qal li l-Kunsill jinsab f'dilemma għaliex il-fanali li qed isirulhom ħsara fil-mekkaniżmu tagħhom ma jistgħux jissewwew peress li ma jistgħux jinkisbu *spare parts* għalihom. Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jinkariga l-kuntrattur tad-dawl, Nexos sabiex jikseb *spare parts* kompatabbli li jsewwi dawn il-fanali kif meħtieġ.

2.1.4 Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana. Is-Sindku qal li kif kien intqal fil-laqgħat preċedenti, il-Kunsill talab lill-Ministeru tal-Infrastruttura u Xogħlijiet sabiex isiru xogħlijiet meħtieġa. Riċentament huwa ġie msejjaħ u infurmat li issa dan il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana (bl-eskulżjoni tal-parti tal-bandli u l-futbol *pitch* żgħir li ġew irranġati riċentament (bil-fondi tal-UIF u finanzjament mill-Kunsill) sejjer iseħħ fi żmien qasir. Is-Sindku qal li aktar dettalji kienu sejrin jingħataw mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino li għandu f'idejh id-dekasteru tal-ambjent.

2.1.5 Triq tal-Lampat, il-Gudja. Is-Sindku ta stampa li fiha tinsab din it-trejqa li tagħti wkoll għal Santa Luċija u li kienet inbniet għal ħtiġijiet ta' ftit vetturi u inġenji tar-raba' u li issa qed tintuża anke minn trakkijiet kbar ħafna li jġorru l-*fuel* peress li fl-inħawi issa hemm lok li fih jitpoġġew trakkijiet li jġorru *fuel*. Is-Sindku qal li bi ftit jardi konkos jistgħu jimtlew il-ħofor iżda dan jista' ma jkunx biżżejjed peress li inġenji kbar li qed jgħaddu minn din it-trejqa malajr jaqalgħu dak li jkun sar. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mad-diriġenti tat-TM kif ukoll mal-Ministeri li jistgħu jkunu konċernati sabiex isir talba li

din it-trejqa tinbena sewwa u li tkun tista' tlaħħaq mal-ħtiġijiet preżenti. Il-Kunsill stqarr li TM għandha tpoġġi sinjali dwar il-limitazzjoni tat-traffiku u li l-Kunsill ma jġorr l-ebda responsabilità dwar ħsarat li jistgħu jiġu sofferti minn min jagħmel użu minn din it-trejqa li ma tiflaħx inġenji kbar u tqal kif fil-preżent qed jgħaddu minnha.

2.2.0 Komunikazzjonijiet dwar xogħol fid-diversi dekasteri:

2.2.1 Viċi Sindku

a. *Dustbins*. Is-Sur Baldacchino qal li nbidlu *dustbins* qodma (u li kienu qed jagħtu dehra kerha) fi Vjal it-Torri u qrib il-futbol grawnd biswit Palazzo d'Aurel. Is-Sur Baldacchino qal li żdied bin fejn jitpoġġa l-ħmieġ tal-klieb.

b. Riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino fakkar li sa żmien ilu l-Kunsill kien għamel proposta ta' riġenerazzjoni ta' żewġ postijiet, dik ta' ħdejn il-grawnd tal-futbol biswit il-Palazz ta' Bettina u r-riġenerazzjoni tal-Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill ġie infurmat li jidher li rigward il-post li qabel kien fih *playing field* li kellha titneħħa minħabba l-periklu kien hemm il-ħsieb li l-KMS (jew awtorità oħra kompetenti) kienet qed tħejji xi proġett f'dan il-lok u għalhekk il-proposta ta' riġenerazzjoni ta' dan il-lok ma bagħatx fattibli.

Il-Kunsill qabel li jikseb tagħrif dwar xi ħsibijiet li hemm dwar l-iżvilupp ta' dan il-post. Dan wassal li l-għażla ta' proġett wieħed idur biss fuq ir-riġenerazzjoni ta' Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino ta tagħrif u dettalji preliminarji maħsuba dwar dan il-proġett. Is-Sur Baldacchino semma li għandha titbaxxa xi ħamrija, tinbidel is-sistema tad-dawl, ikun hemm *outdoor gym*, irigazzjoni għat-tisqija, bankijiet ġodda, konok, titjieb fit-teatru Grieg, dawl effiċjenti u Sistema ta' dawl solari.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu juri biċ-ċar li qed jaħdem favur l-ambjent u għalhekk id-dawl ta' Ġnien R. Caruana għandu jkun bis-sistema solari u b'enerġija rinovabbli.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Pilates. Is-Sur Sammut ta dettalji dwar dan il-kors tal-Pilates. Il-Kunsill Lokali tal-Gudja se jerġa' jorganizza għaxar sessjonijiet tal-Pilates għal Adulti, ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali fi Triq il-Magħsar, il-Gudja. Dawn se jkunu kull nhar ta' Tlieta u se jibdew minn nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2016 fis-6.30p.m. Kull min huwa interessat huwa mitlub li jinkiteb fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Gudja (li jinsab temporanjament fil-Librerija G. Zammit) flimkien ma' ħlas ta' €20.00 għas-sessjonijiet kollha. Il-Kunsill sejjer iħallas €200 għall-instructor u €150.00 għal kiri tas-sala. Kull min jieħu sehem sejjer jagħti donazzjoni ta' €20.00 u dawn imorru sabiex ikopri parti mill-ispejjeż li jkun qed joħroġ il-Kunsill.

ii. Proġett – YiA Estonia u UK bl-isem ta' 'Beating mindless students' eating'. Is-Sur Sammut qal li issa wasal iż-żmien għat-tħejjija tat-tieni parti ta' dan il-programm li sejjer jitwettaq fir-Renju Unit f'April 2016. Il-Kunsill qabel li jagħmel finanzjament fuq linji ta' kif isir is-soltu u wara jirċievi l-fondi skont kif stipulat fil-proġett taħt il-fondi Ewropej.

b. Demelsa Grech

i. Kors tal-*beading*. Il-kors huwa twil 10 lezzjonijiet li jibdew mit-22 ta' Jannar 2016. Il-kors se jkun kull nhar ta' Ġimgħa bejn il-5pm u s-7pm u se jsir ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali Santa Marija fi Triq il-Magħsar, il-Gudja. *Booking* flimkien mal-ħlas fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali (li jinsab temporanjament fil-Librerija G. Zammit) sa mhux aktar tard mit-18 ta' Jannar 2016. Prezz: €10 għar-residenti Gudjani. (€15.00 għal nies barra mill-Gudja). Sna. Grech qalet li għamlet l-arranġamenti meħtieġa, intbagħtet ċirkulari u l-kors huwa maħsub li jibda fit-22 ta' Jannar 2016.

ii. Ktieb – Tifkiriet Tfuliti. Sna. Grech qalet li dan il-ktieb bil-ħidma tas-Sur Loreto Dalli jinsab fi stadju avvanzat. Sna. Grech qalet li kien instab sponsor u għalhekk meta kien maħsub li dan il-ktieb kien sejjer jiswa €2680 issa l-finanzjament tal-Kunsill sejjer ikun biss ta' €1300.00.

iii. Preparazzjoni dwar ktieb ġdid li jkompli mal-ħarġa tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied minn Bir Miftuħ sal-Gudja' mill-kittieb Bertram Portelli. Sna. Grech tat ħjiel dwar dan u qalet sejjer jiswa madwar €3000.00 għal 1000 kopja iżda l-ispiża tista' tkun anqas jekk jinsabu sponsors. Kull kopja tal-ktieb tkun tista' tinkiseb b'donazzjoni ta' €5.00. Il-Kunsill iddeċieda li ġentilment jitlob lis-Sur Portelli sabiex jiġi jindirizza l-Kunsill u jagħti l-ħsibijiet tiegħu dwar dan il-ktieb u dak li jkun meħtieġ dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb u l-kontenut tiegħu.

c. Stefan Caruana

i. Programm dwar Erba' Staġuni 2016. Is-Sur Caruana qal li kien sejjer ikompli fuq dan il-proġett peress li jidher li ntgħoġob u ndara sewwa u li jista' wkoll iservi sabiex jinġiebu aktar turisti fil-Gudja.

ii. Parteċipazzjoni fil-programm V18. Is-Sur Caruana qal li l-programm V18 sejjer jinfirex barra l-Belt Valletta u jistgħu jaslu wkoll ġewwa l-Gudja li għandha ħafna x'toffri għall-programm V18. Is-Sur Caruana qal li kien sejjer jagħti aktar dettalji u informazzjoni fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

iii. Kunċert fil-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali li seħħ fid-19 ta' Diċembru 2015. Is-Sur Caruana qal li dan il-kunċert kien ta' suċċess kbir u apprezzat sewwa mill-folla numeruża li attendiet u li mliet il-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali.

iv. Milied ta' Dari – attività li seħħet fl-20 ta' Diċembru 2015. Is-Sur Caruana qal li għalkemm it-temp kien kiefer, dan l-attività seħħet u tgawdiet sewwa minn kull min attenda waqt din l-attività fid-diversi postijiet madwar l-Kappella tal-Annunzjata.

2.3.0 Korrispondenza

2.3.1 L-imejl tal-Iskola Primarja tal-Gudja li ntbagħtet lill-Kunsill mill-Kap tal-Iskola s-Sinjura Elizabeth Fenech. Il-Kunsill għamel referenza għal kontenut ta' din l-ittra u ħass li din ma kinitx flokha speċjalment meta l-*mains* faċilment jersqu u jiġu mħarsa fil-kuridur u li jsiru bibien ta' protezzjoni u jagħti faċilità bla limitazzjoni kull meta jkun meħtieġ. Il-Kunsill iħoss li l-imejls riċenti jistgħu jitqiesu bħala provokazzjoni u maħsuba sabiex ifixkel il-progress li sar mal-Prinċipal tal-Kulleġġ is-Sur Paul Debono u personalitajiet

oħra fi ħdan il-Ministeru u għalhekk l-imejls tas-Sinjura Fenech għandhom f'dan l-istadju jiġu injorati.

2.3.2 Rappreżentazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gudja fuq il-Kunsill tal-Iskola Primarja tal-Gudja, Kulleġġ San Benedittu. Peress li deher ċar li l-Kap tal-Iskola tixtieq iddaħħal il-Kunsill tal-iskola u peress li ġie nnutat li l-Kunsill mhux rappreżentat fuq dan il-Kunsill Skolastiku, il-Kunsill iddeċieda li jitlob sabiex ikollu rappreżentanza skont kif titlob il-liġi dwar l-istess Kunsilli Skolastiku.

2.3.3 Ittra mingħand diversi żgħażagħ mill-Gudja. Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-kontenut ta' din l-ittra u qabel li tiġi mwieġba billi jingħata t-tagħrif dwar dak li għamel il-Kunsill u dwar kif aġixxa u biħsiebu jaġixxi l-Kunsill rigward l-Iskola Primarja tal-Gudja, l-ħtiġijiet tal-Kunsill u l-lok maħsub sabiex ikun jista' iservi l-komunità tal-Gudja aħjar. Il-Kunsill stqarr li qabel kull deċiżjoni dwar il-bini għall-amministrazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill sejjer jagħmel konsultazzjoni pubblika.

2.3.4 Ittra tal-Kummissarju Elettorali dwar il-bidla fil-konfini uffiċjali tal-Gudja. Il-Kunsill ħa konjizzjoni ta' din l-ittra u qabel li jitlob l-perit kompetenti sabiex jagħmel din il-pjanta kif mitluba sabiex juri kif fil-preżent l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta l-ġdid jinsab fil-konfini ġeografiċi tal-Gudja. Il-Kunsill stqarr li għandu jikseb kitba ta' storja li turi kif l-art fejn hemm l-ajruport dejjem kienet tifforma parti mill-Gudja. Fil-fehma tal-Kunsill, il-konfini tal-Gudja għandhom jibdew minn tarf tal-mina li fuqha hemm *runway* tal-Ajruport, testendi lejn ir-*roundabout* u tibqa' testendi sat-tarf ir-*runway* fuq ir-riħ ta' Birżebbuġa u Ħas-Saptan. Il-Kunsill stqarr li fil-preżent l-aktar interess tal-Kunsill huwa li jikkoreġi l-*boundaries* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u jidhru fil-konfini tal-Gudja. Dan ifisser ukoll li l-Kunsill Lokali tal-Gudja jkun bi dritt assolut jirrappreżenta u jħares l-interess tar-residenti tal-Gudja meta jiġi konsiderata il-proġett il-ġdid kif maħsub mill-kumpanija li tmexxi l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja. Malli l-Kunsill jirċievi l-pjanta proposta l-Kunsill ikun jista' wkoll jibgħat ir-risposta meħtieġa sabiex jerġa' jakkwista l-konfini ġusti u korretti speċjalment li jirrikonoxxu li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-Gudja.

2.3.5 Korrispondenza oħra. Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-korrispondenza l-oħra li rċieva u bagħat il-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi fl-aħjar interess tal-istess Kunsill.

## 3.0 <u>Rapporti</u>

3.1 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-ilmenti u kif dawn ġew imwieġba u kif ittieħdet l-azzjoni meħtieġa u skont il-prijorità possibbli.

## 4.0 <u>Skema ta' parkeġġ residenzjali – Infurzar mil-LESA (Local Enforcement System Agency)</u>

4.1 Il-Kunsill stqarr li għandu kull interess, dritt u dmir li jħares l-aħjar interess tar-residenti tal-Gudja b'mod leġittimu u skont il-liġijiet tal-pajjiż. F'dan ir-rigward il-Kunsill iħoss illi l-iskema ta' parkeġġ residenzjali għar-residenti tal-Gudja għandha tingħata bid-dritt

għaliex ir-residenti tal-Gudja għandhom bi dritt isibu post fejn jipparkjaw il-vetturi tagħhom bla diffikultà żejda. Il-Kunsill ra kif l-iskema ta' parkeġġ residenzjali għandha wkoll tieħu ħsieb għal ħtiġijiet speċjalment ta' dawk ir-residenti jkollhom vettura li ma tkunx b'indirizz tar-residenza tal-Gudja (karozza mikrija, karozza li tkun fuq indirizz barra l-Gudja iżda tintuża sabiex wieħed jiġi jindokra jew jgħin il-ġenituri jew qraba tagħhom kif ukoll għall-ħtiġijiet aċċettabbli oħra).

Il-Kunsill ra kif qed jaħdmu Kunsilli oħra fejn qed iħaddem skemi ta' parkeġġ residenzjali fl-aħjar interess tar-residenti tiegħu. Il-Kunsill talab li jikseb pariri u dokumentazzjoni dwar dan sabiex ikun f'qagħda li jieħu l-passi meħtieġa li jkun jista' jopera din l-iskema bl-akbar suċċess u fl-aħjar interess tar-residenti kollha tal-Gudja.

## 5.0 Finanzi

5.1 *Petty Cash*. Il-Kunsill ra u approva l-*petty cash* għax-xahar ta' Novembru u Diċembru 2015 għall-ammont ta' €47.73 u €41.70 rispettivament skont kif ippreżentati.

6.2 Skeda ta' Pagamenti. Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2015 (skeda 28/7) hekk kif ippreżentata lill-Kunsill għas-somma ta' €107,806.59 u li jinżamm xi pagamenti (għalkemm approvati) skont kif ikun intqal aktar 'il fuq f'dawn il-minuti ta' din l-istess laqgħa.

5.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

5.3.1 Mirja. Il-Kunsill qabel u approva li jinxtraw 3 mirjiet sabiex jibdlu dawk imkissra u jitpoġġew ġodda fejn ikun meħtieġ.

5.3.2 Dawl addattat fi Triq Filippu Castagna, il-Gudja. Il-Kunsill qabel u approva li ssir applikazzjoni meħtieġa sabiex ikun hemm dawl adekwat f'din it-triq peress li parti minnha tinsab fid-dlam.

5.3.3 Il-Kunsill għamel ukoll referenza dwar xiri , xogħlijiet, servizz u materjal kif ikun imsemmi hawn fuq f'dawn l-istess minuti ta' din il-laqgħa u qabel li jipproċedi bil-finanzjament kif u meta jkun meħtieġ.

## 6.0 Xogħlijiet pendenti

6.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni tal-lista kif murija fid-dokument 'A' li tifforma parti integrali ta' dawn l-istess minuti.

## 7.0 Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

7.1 Laqgħa annwali skont Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li minħabba l-importanza tagħha li fiha jiġi diskuss u approvat il-baġit għas-sena 2016, din il-laqgħa għandha ssir nhar it-Tnejn 01 ta' Frar 2016 fis-6.30pm fil-bini tal-Librerija G. Zammit fi Triq San Mark, il-Gudja. Il-Kunsill għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa għal din il-laqgħa u li joħroġ l-avviżi skont il-proċedura stabbilita.

7.2 GAL Xlokk. Il-Kunsill kien diġà approva li jkollu sħubija u jagħmel pagament ta' €2500.00. Issa l-Kunsill qabel u ddeċieda li r-rappreżentanta tal-Kunsill fil-GAL Xlokk tiġi fdata f'idejn il-Kunsilliera Sna Grech li għandha tinforma lill-Kunsill dwar dak li jkun qed iseħħ fi dan il-GAL Xlokk sabiex tikseb finanzjament dwar proġett għar-residenti tal-Gudja. Il-Kunsill talab ukoll illi l-minuti tal-GAL Xlokk jiġu wkoll ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha sabiex dawn ukoll ikunu infurmati dwar dak li jkun qed iseħħ fil-GAL Xlokk.

7.3 Ftehim dwar l-użu tas-sala parrokkjali sabiex isiru s-sessjonijiet tal-Pilates u l-kors tal-*beading*. Il-Kunsill approva l-ftehim mal-Parroċċa u li dan jiġi ffirmat mis-Sur Joseph M. Formosa għan-nom tal-Kunsill u li jsir ħlas ta' €150.00 għall-użu mill-post għal kull kors. Il-Kunsill fakkar ukoll li dawn ma jistgħux isiru fl-Iskola Primarja peress li ma hemmx permess mill-Kap tal-Iskola.

7.4 *Quarterly Financial Reports* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015. Il-Kunsill ħa konjizzjoni u approva dawn ir-rapporti skont il-proċedura stabbilità.

7.5 Performance Bonus annwali – Ranier Busuttil (Aġent Segretarju Eżekuttiv), Joseph M. Formosa (Corporate Service Executive Manager) u Antoinette Azzopardi (Assistent Prinċipal). Il-Kunsill approva li l-performance bonus ikun il-massimu li jippermettu l-proċeduri kif stabbilit. Dwar l-impjegati tal-Kunsill is-Sur JM Formosa u Sna A Azzopardi, il-Kunsill ikkonferma wkoll li dawn għandhom ikomplu fil-ħidma tagħhom mal-Kunsill b'mod indefinit kif diġà stabbilit.

7.6 Ħruġ ta' tenders. Il-Kunsill qabel u ddeċieda li joħroġ sejħa għal tenders dwar dawn ix-xogħlijiet u servizzi.

i. Accountancy Service
ii. Insurance Broker
iii. Refuse Collection and provision of bins on wheels
iv. Maintenance and provision of road signs
v. Supply and Delivery of Concrete

**Aġġornament**

Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 01 ta' Frar 2016 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċirkulata lill-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa. Is-Sindku fakkar illi nhar it-Tnejn 01 ta' Frar 2016 fis-6.30pm sejra ssir laqgħa annwali 2016 għar-residenti kollha tal-Gudja.

Il-laqgħa ngħalqet fid-9.00pm

J Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Joseph M. Formosa
*Corporate Service Executive Manager*

John Mary Calleja
Sindku

Data: ____________________